# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.11: Trid tgħinni?**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

a) Jisimgħu u jitgħallmu l-istorja tal-Paralitiku.

b) Jifhmu l-importanza tal-ħbieb.

c) Japprezzaw il-mod ta' kif Ġesù ġab ruħu ma' dan iż-żagħżugħ.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Bibbja tat-tfal – storja tal-paralitiku.
- *Powerpoint* ta' nies li għandhom bżonn l-għajnuna.
- Vidjow-klipp: *Jesus heals the Paralysed man*
- Karta' ta' Taħriġ: 2.7.



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Uri stampi minn fuq il-*powerpoint* ta' nies li għandhom bżonn l-għajnuna.
- Staqsi x'qed jaraw u x'jaħsbu li qed jgħidulhom l-istampi.
- Spjega kif kollha qed jitolbu l-għajnuna.
- Uri li meta xi ħadd għandu bżonn l-għajnuna, inti għandek tgħinu bl-aħjar mod li tista'.
- Staqsi għal eżempji konkreti mill-ħajja ta' kuljum.

**Nisimgħu flimkien (Il-Pjan tal-lezzjoni)**

- Aqra mill-Bibbja tat-tfal is-silta ta' meta Ġesù fejjaq lill-paralitiku. Fil-Bibbja oriġinali din is-silta tinsab: Lq 5, 17-26.
- Uri l-vidjow-klipp tal-istorja tal-Paralitiku.
- Oħroġ dawn il-punti: Ġesù kien jgħin u jgħallem kullimkien; kif il-marid ma setax jimxi; kif ħbiebu kienu tassew iħobbu lil dan il-marid; kemm batew sakemm wassluh ħdejn Ġesù.
- Staqsi: X'għamel Ġesù għall-marid? – ħafirlu dnubietu u tah lura s-saħħa tiegħu.



- Staqsi jekk hiex ħaġa ħafifa jew tqila li tfejjaq lil xi ħadd marid – mhix ħafifa, iżda llum ħafna mill-mard jitfejjaq bil-mediċina, imma dak iż-żmien kienet sitwazzjoni differenti.
- Staqsi jekk hiex ħaġa ħafifa jew tqila li taħfer.
- Asal għall-punt li mhix ħaġa ħafifa imma li fuq l-eżempju ta' Ġesù, min jaħfer minn qalbu jkun tassew iħobb u ħabib ta' Ġesù.
- Spjega l-karta ta' taħriġ 2.7 billi bħala klassi għin lit-tfal ipoġġu l-istorja fis-sekwenza adatta. Wara għandhom ipinġuha.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Il-ħbieb tal-paralitiku kienu ħbieb tassew.
2. Ġesù fejjaq lil dan iż-żagħżugħ.
3. Ġesù ħafirlu dnubietu.
4. Iż-żagħżugħ kien ferħan għax fieq u sar ħabib m'Alla.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




Dejjem għandna naħfru u ngħinu anki lil min jonqosna. Ejjew nagħmlu dan illum!

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Video clip ta' meta Ġesù fejjaq lill-paralitiku.



**Nitolbu**



Ġesù għinni biex ngħin minn qalbi allavolja xi drabi jkolli nbati.